# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. TONIO MALLIA LL.D.

## Illum, il-Hamis, 14 ta' Marzu, 2002

Citazzjoni Numru: **192/02TM**

Numru**: 5**

**Il-Prokuratur legali Madeleine Firman bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Verdi Import BV US in rapprezentanza ta' l-istess**

vs

**Agri Trading Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici ppremettiet illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma bilancjali li fid-data tas-sentenza tkun ekwivalenti fi flus Maltin ghal ghoxrin elf sebgha mija u tnax punt hdax il-euro (EUR 20,712.11), ekwivalenti

ghal tmien t'elef mitejn u wiehed u hamsin liri Maltin u tmintax il-centezmu (LM8,251.18) skond ir-rata tal-kambju in vigore, liema somma hija dovuta lis-socjeta' attrici bhala prezz ta' haxix u frott konsenjati lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' atrrici fuq ordni ta' l-istess socjeta' konvenuta skond l-annessi fatturi relattivi numri 21002325 datat 1 ta' Marzu, 2001 (Dokument "A1"), 21002342 datat 1 ta' Marzu, 2001 (Dokument "A2") 21003386 datat 29 ta' Marzu, 2001 (Dokument "A3"), 21993637 datat 5 ta' April, 2001, (Dokument "A4").

Ippremettiet illi, ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva hawn fuq indikata is-socjeta' konvenuta xorta baqghat inadempjenti;

Ippremettiet illi, fil-fehma tas-socjeta' attrici, dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u s-socjeta' konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet xi ggib ghat-talba ghall-hlas tas-socjeta' attrici;

Ippremettiet illi, ghalhekk dan jaghti d-dritt li s-socjeta' attrici tipprocedi kontra s-socjeta' is-scojeta' konvenuta bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif fil-fatt qeghda taghmel;

Talbet biex tghid s-socjeta' konvenuta ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ghat-tenur ta' l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u

2. Tikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva li fid-data tas-sentenza tkun ekwivalenti fi flus Maltin ghal ghoxrin elf, sebgha mija u tnax punt hdax il-Euro (EUR 20,712.11), ekwivalenti ghal tmien t'elef mitejn u wiehed u hamsin liri Maltin u tmintax il-centezmu (LM8,251.18) skond ir-rata tal-kambju in vigore, liema somma hija dovuta lis-socjeta' attrici bhala prezz ta' haxix u frott konsenjati lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici fuq ordni ta' l-istess socjeta' konvenuta skond l-annessi fuq imsemmija fatturi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ghall-ittra ufficjali datata 22 ta' Novembru, 2001, u, tal-mandat ta' sekwestru u mandat ta' qbidipprezentati kontestwalment u bl-imghaxijiet kummercjali mid-dati tal-fatturi relattivi (Dokument "A1", "A2", "A3", "A4") sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**IMHALLEF**

**D/REG**

/ja